Isla
Città Invicta

**Kunsill Lokali Isla**
Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com

# Rapport Annwali

# Amministrattiv

Jannar - Diċembru 2017

Werrej


1. Introduzzjoni ... 3
2. Il-Kunsill ... 3
Il-Kunsill ... 3
Organizzazzjoni ... 4
L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ... 5
3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali ... 6
Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ... 6
Xogħol u manuntenzjonijiet ... 7
Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv ... 9

# 1. Introduzzjoni

Sinjuri residenti,

Inġbarna illum 6 ta' Frar 2018 fis-sala tal-kunsill sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena ta' xogħol. Bil-limitazzjonijiet li għandu l-kunsill, il-kunsill irnexxilu jżomm il-bilanċ tajjeb billi jġib il-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel għalhekk ser nirrevedu in-numru ta' xogħolijiet li saru matul is-sena 2017.

Irid ikun hemm għaqal kbir sabiex il-kunsill ikun jista' jwettaq xi proġetti għaliex il-fondi allokati mill-fond pubbliku jservu biss għall-ispejjez ta' kuljum għalhekk il-kunsill iqiegħed l-ewwel il-prijoritajiet tal-lokal.

# 2. Il-Kunsill

## Il-Kunsill

L-Isla hija belt b'popolazzjoni ta' madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera, b'Sindku is-Sur Giuseppe Casha u Viċi-Sindku s-Sur Clive Pulis u tliet kunsilliera - is-Sur Malcolm Gatt, Is-Sur Chris Cocker u s-Sur Anthony Bonavia - eletti direttament mill-poplu.

Fis-sena 2017 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Graziella Cassar Gellel, megħjuna mill-iskrivana is-Sinjura Rita Baldacchino u aktar tard f'nofs is-sena inaqgħad mal-kunsill Lokali tal-Isla skrivan mill-Community Workers Scheme is-Sur Sven Formosa. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



**L-Amministrazzjoni tal-Kunsill**

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sinjura Graziella Cassar Gellel Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani.fejn tat il-ħidma tagħha mal-kunsill tal-Isla bħala segretarju eżekuttiv minn Diċembru 2016 sa llum.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti u residenti , xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, posta u oħrajn.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Stephen Bonello
- Bradley Bonello
- Nathan Bonello
- John Zammit
- Joseph Martin
- Courtny Abela Wilson
- Sven Formosa
- Rita Scicluna
- Ettienne Bugeja

## 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

### *Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

**Id-Dħul**

| | |
|---|---|
| Mill-Gvern Ċentrali | €316,877 |
| Minn Bye-Laws | € 5,450 |
| Minn Dħul Ġenerali | €23,822 |
| Total ta' | €346,149 |

**Infieq**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku, Allowances, Pagi u taxxi tas-sigurta soċjali | €62,260 |
| Spejjez ta' manuntenzjonijiet u servizzi | €244,808 |
| Spejjez Kapitali | €3,760 |
| **Total ta'** | €310,828 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ ta'** | €35,321 |

## Xogħol u manuntenzjonijiet

## Xogħol permezz ta' ħaddiema assenjati

Matul l-2017, permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali irnexxielu jżomm aktar l-indafa fil-lettrini pubbliċi. Manutenzjoni fuq diversi bankijiet u għamara tat-toroq u xogħol ta' titjib fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Lokali. Permezz tal-ħaddiema assenjati ukoll sar xogħol ta' manutenzjoni madwar L-Isla (tibjid u żebgħa).

## Indafa

Il-Kunsill zied in-nefqa għall-kuntratt tal-kenniesa sabiex l-Isla tkun aktar nadifa. In-nefqa tal-kuntratturi tal-knies jammonta għall-madwar €28,500.
Il-Kunsill Lokali ħallas aktar milli suppost għaż-żamma tal-indafa tax-xatt speċjal-ment fis-Sajf. Hawn il-kunsill jappella sabiex ir-residenti jikkoperaw: fil-ħruġ tal-boroz is-suwed (skart domestiku), fil-ħruġ tal-boroz il-grizi ( skart reċiklabli ), fil-ħruġ tal-ħġieġ quddiem il-bieb tad-dar li jsir kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar u jzomm mal-appuntament li jagħtuh mill-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill dwar il-ġbir ta' skart goff. Huwa inġust li x-xogħol li jagħmel il-kunsill jiġi imfixkel minn ċertu resi-denti li f'moħħhom għandhom biss l-indafa mill-għatba 'l ġewwa.

## Skips

Il-Kunsill Lokali ħa deċiżjoni li l-iskips li hawn madwar l-Isla jitneħħew dan għaliex il-Kunsill għandu kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart domestiku kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd għalhekk m'hemm l-ebda skuża li l-borża s-sewda tintrema f'xi kantuniera. Jidis-pjaċini ngħid li dan l-abbuż għadu jsir, għalhekk hemm il-ħsieb li wara li titlesta triq is-Sur jiġu installati cameras biex min jinqabad jeħel multa.

## Tabelli u Sinjali tat-Toroq

Matul l-2017 il-Kunsill Lokali beda jagħmel numru ta' marki tal-karreġġjati fit-toroq tal-lokalita'. Ma' dawn ġew ordnati u mibdula numru ta' tabelli bil-għan illi l-pedonali u sewwieqa jkollhom sigurta' aħjar. Twaħħlu wkoll żewġ tabelli iffinanzjati mill-proġett 'Experiencing Emerging European Destinations - EDEN 2015 and beyond' Il-Kunsill ingħata fondi għall dawn iż-żewġ tabelli mill- European Union's COSME Programme (2014-2020). Dawn it-tabelli twaħħlu waħda fejn il-Gardjola u l-oħra fid-daħla tax-xatt fejn turi l-mappa tal-Isla, twaħħlu wkoll tabelli fi Triq l-arkati u fi Triq is-sirena fejn juru ilt-turisti l-indikazzjoni sabiex jaslu għal-Ġnien il-Gardjola

u l-Belveder tal-port il-kbir.

**Street Lighting**

Matul l-istess perjodu, jigifieri matul l-2017, il-Kunsill Lokali daħal għal spiza li tam-monta għal madwar €8000 sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tat-toroq. Din l-ispiza tinkludi wkoll lampi li saru mill-ġdid fuq talbiet tar-residenti, wara li saret il-ġustifikazzjoni meħtieġa min-naħa tal-korporazzjoni ENEMALTA.

Din is-sena l-kunsill lokali ħadem ma' l-istess kuntratturi tas-sena l-oħra fuq it-tizjin tad-dawl tal-Milied u għal darb oħra ħareġ disinji ġodda ta' dal dekorattiv tal-Milied sabiex il-Belt tal-Isla wkoll tkun imzejna f'dan iż-żmien hekk sabiħ. In-nefqa ta' dan it-tiżjin kienet ta' madwar €2500. Il-Kunsill Lokali irċieva diversi kummenti pożitivi dwar dan anke minn nies mhux mill-Isla. F'dan il-perjodu il-Kunsill ħareġ bl-idea tal-kompetizzjoni għall- aħjar tizjin fit-twieqi, gallarijiet jew faċċati, għal kull min ħa sehem il-kunsill ħaseb li jagħti ċertifikat ta' parteċipzzjoni u premju għall-ewwwel, it-tieni u it-tielet post.

L-ewwel post : Is-Sur Joe Mizzi fi Triq il-Vitorja
It-Tieni post : Is-Sinjura Paulianne Cousin fi Triq iż-Żewġ Mini
It-Tielet post : Is-Sur Lawrence Bonnici fi Triq iż-Żewġ Mini

**Proġetti Kapitali**

**Tisbiħ ta' Pjazza 4 ta' Settembru**

Matul l-2016, il-Kunsill Lokali issottometta applikazzjoni għal skema ta' proġetti ka-pitali mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Ċentrali bil-għan illi jsir xogħol ta' tisbiħ f'Misraħ l-4 ta' Settembru. L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali giet milqugħa u l-Kunsill Lokali ħareġ Tender dwar dan il-proġett li talaq fit-22 ta' Jannar 2018.

**Triq is-Sur**

Il-Kunsill Lokali jiskuża ruħu tal-inkonvenjent li hemm fi Triq is-Sur iżda dan ma jid-dependiex mill-kunsill għalkemm l-ufficċju amministrattiv flimkien mas-sinkdu ta' spiss iċemplu u jibgħatu imejls lil Perit inkarigat sabiex inaqssu l-inkonvenjent għar-residenti.

**Triq l-Arkati**

Il-Kunsill irċieva Traking Number mill-Perit Josephine Muscat fejn il-Kunsill kien iltaqa' mal-Perit fl-uffiċċju amministrattiv u spjegat kif ser jiġi irrianġat il-fetħa ta' quddiem Villa Davies sabiex jiġi belveder.

**Id-Daħla tal-Isla**

L-istess perit Josephine Muscat bagħtet lil kunsill tracking number għad-daħla tal-Isla fejn hemm pjanat li tiġi irranġata id-daħla, tal-Isla taħt il-mina jitbaxxa iċ-ċint sabiex il-veduta tidher aħjar u titranġa l-bankina.

**Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv**

**Saħħa**

Issa daħlet fir-rutina tal-kalendarju li għax-xahar t'Ottubru tingħata l-injezzjoni tal-influwenza, bħas-snin ta' qabel il-kunsill ħaseb li jingħata dan il-vaċċin għalhekk il-kunsill ikompli jħeġġeġ dawk li huma intitolati li jieħdu din l-injezzjoni biex jinkitbu meta jinħareġ l-avviz sabiex ħadd ma jkun dizappuntat.

**Soċjali – Ħarġiet**

Matul l-2017, bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal, il-Kunsill Lokali organizza ħarġiet kulturali. Għall-imsemmija ħargiet kien hemm konkorrenza inkoraġġanti mill-pubbliku u l-Kunsill Lokali għandu l-intenzjoni illi kemm-il darba ikun possibbli l-inizjattiva titkompla matul l-2018.

**Soċjali – Attivitajiet**

**Attivitajiet għal-żmien il-Milied**

Fl-20 ta' Diċembru 2017, il-kunsill organizza attivita għal-anzjani fejn bħal kull sena tkun ta suċċess, għal din l-attivita attendew mal 220 ruħ fejn f'din l-attivita s-sindku ippreżenta wkoll tokens għal kull min ħa sehem fil-Merħba Sengleana volontarjament. F'din l-attivita kien hemm varjeta ta' divertiment, kant u żfin.

Fis-27 ta' Diċembru 2017, il-kunsill organizza party għat-tfal fil-Popeye Village, għal dan il-party attendew 32 tifel u tifla fejn tqassmu kotba bħala rigal.

Fit-28 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill organizza wkoll ikla għal-familja kollha fejn f'din l-ikla ġewwa l-Palm valley kienu madwar 100 persuna.

**Convoy ta' Santa Marija**

Fit-tnax t'Awwissu il-Kunsill Lokali tal-Isla b'kollaborazzjoni mal-organizzazzjoni Flimkien għal-Ambjent Aħjar organizzaw attivita fl-okkazzjoni tal-75 sena mill-anniversarju tal-Convoy ta' Santa Marija.

.

**Merħba Sengleana**

Fix-Xahar ta' Settembru l-Belt tal-Isla organizzat festival li intgħażel għalih l-isem 'Merħba Sengleana 2017'. Dan il-festival kien ta' suċċess kemm għan-nies tal-lokal kif ukoll għat-turisti. Il-festival li sar fis-16 ta 'Settembru 2017, ġimgħa wara l-festa, il-festival kien immirat mill-komunita għall-Komunità dwar il-kultura tagħna, l-artiġjanat, s-snajja' u l-mużika Folklor. F'dan il-festival ppreżentajna 21 avveniment fi 13-il post differenti madwar il-belt żgħira tal-Isla.

F'dan il-festival l-artiġjani lokali kienu mistiedna biex juru x-xogħlijiet u t-talenti tagħhom fil-bizzilla, crochet, macrame, pitturi u skulturi.

Matul dan il-festival ġew organizzati logħob tradizzjonali bħalĠostra u l-boċċi, f'dan il-festival ġie organizzat ukoll logħob għat-tfal bħal futbol u slack line, kif ukoll taħriġ fis-sengħa tal-għamla tat-tajr.

F'din il-ġurnata kien hemm ukoll residenti li fetħu l-bibien ta djarhom sbiex je-sebixxu x-xogħol tagħhom fejn dawn ingħataw tifkira tal-parteċipazzjoni tagħhom.

L-għeluq ta 'dan il-festival kien mal-grupp LA Vincitrice u ma' żewġ kantanti famużi Chiara Siracusa u Ludwig Galea li t-tnejn irrappreżentaw lil Malta fil-festival tal-kanzunetta għall-Ewropa.

**Queen's Baton Relay**

Il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2017, il-Kunsill Lokali tal-Isla laqa' l-maratona ġewwa l-Belt tal-Isla. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' merħba għall *Queen's Baton Relay* , il-kunsill jinstab kbur li ħa sehem f'din l-attivita u li l-Belt tal-Isla hija parti min-numru kbir ta nazzjonalitajiet li jagħmlu parti mill-Commonwealth. Huwa unur tagħna li niffurmaw parti min din ir-record tal-Queen's Baton Relay li ser tkun l-itwal relay li qatt saret u r-relay l-aktar aċċessibbli sal-lum.

Ir-relay tal- *Queen's Baton* hija tradizzjonali għall-logħob tal-*Commonwealth* mill-1958 f'Cardif. L-iskop ta' din l-attivita hija sabiex in-nazzjonijiet u t-territorji kollha jingħaqdu f'kompetizzjoni ta' ħbiberija fil-logħob bħala sejħa lill-*Commonwealth* .

Il-Ftuħ ta'din ir-relay ħadet il-bidu tagħha fit-13 ta' Marzu 2017 mill-Palazz tar-Reġina f'Buckingham Palace ghall-wasla tal-Queen's Baton fl-Afrika u wara lejn l-Amerika.

Din il-Queen's Baton waslet hawn Malta minn Gibratlar u li ser tibqa' sejra għall – mixja tagħha f' Ċipru sabiex fid-29 ta' Settembru tasal fil-kontinent ta' l-Asia u fil-25 t' Ottubru titlaq mill-Asia għall- Oċean u tasal għal wasla tagħha fil-kontinent ta' l-Awstralia fl-24 ta' Diċembru u b'hekk tkun daret id-dinja.

Għall din l-okażżjoni nixtieq nirringrazja lir-Regatta Club li ħadu sehem fil-wasla tal-Queen's Baton fuq id-dagħjsa tar-Regatta tal-Isla, lil Għaqda Sajjieda u Barklori tal-koperazzjoni tagħhom sabiex jakkumpanjaw il-krew fuq id-dgħajsa Maltija u tlett parteċipanti li ħadu sehem f'din ir-relay, is-Sur James Farrugia, s-Sur Courtney Abela Wilson u is-Sur li ser iwassluha tul ix-xatt tal-Isla.
Sea Planes

L-Assoċjazzjoni ta' Malta Sea Planes hija Organizzazzjoni Volontarja żgħira (VO / 1222) li hija interessata ħafna fir-riġenerazzjoni tar-Reġjun tad-daħla tal-Port kif ukoll id-dgħajjes. Sostnuta bis-sħiħ minn Transport Malta u l-Ministeru għat-Turiżmu, din l-assoċjazzjoni organizzat b'suċċess l-Edizzjoni tal- Como to Malta Sea-planes Rally –Robert Cub f'Diċmbru tal-2016.

Matul din l-attivita, id-dgħajjes żgħar kienu, approvati minn Transport Malta, kienu ta spettaklu sbieħ ħafna. Din is-sena, il-VCP reġgħu organiżżaw din l-attivita din id-darba fil-Belt tal-Isla għaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Isla approva din l-attivita li, r-riċiviment tagħha jsir fi Ġnien il-Gardjola sabiex il-kunsill jipromwovi aktar il-lokalita tal-Isla. Din l-attivita saret fis-7 t'Ottubru 2017 fejn kien hemm kontroll bażiku tas-sigurtà tal-post, l-avveniment kien avveniment magħluq iżda l-pubbliku gawda wkoll l-ispetaklu tal-ajruplani b'ħarsa aħjar mill-Belveder fi Triq is-Sirena u dawrett ix-xatt tal-Isla taħt il-Gardjola kif ukoll il-Belt.

Dan l-avveniment prestiġjuż ser jibda jseħħ annwali fl-ewwel weekend ta 'Ottubru ta' kull sena. Dan jista 'joħloq konnessjoni speċjali mal-Belt tal-Isla fuq id-dgħajjes u nisperaw li jkollhom impatt pożittiv fuq in-negozji.

Minħabba l-patrimonju ta 'l-ajruplan ta' Malta (l-aktar relatat mar-Royal Navy), naħseb li din tkun opportunità tajba biex L-Isla tidher bħala destinazzjoni għal żjara.

**Għaqal fid-dar**

Fix-xahar t' Ottubru, il-kunsill lokali b'kollaborazzjoni mas-selesjani offrew korsijiet Ghaqal fid-dar fejn kien hemm numru sabih li attendew ghal dan il-kors li kien im-mirat ghall kull min irrid jitgħallem iktar dwar kif wieħed jista jekkonomiza fid-dar u s-saħħa.

**Sports**

F'Settembru, il-Kunsill organizza attivitajiet ta rikrejazzjoni għat-tfal ġewwa l-grawnd tal-futbol qabel ma reġgħet bdiet l-iskola, għalkemm it-temp ma kienx xi wieħed
favorevoli t-tfal xorta waħda attendew.

F'Ottubru il-Kunsill Lokali b'kollaborzzjoni mal-iskola Primarja organizza wkoll għaxar sezzjonijiet ta Zumba fejn inkitbu aktar minn disgħa u tletin persuna għall dan l-isport, li ser jitkompla f' Jannar 2018 għal għaxar sezzjonijiet oħra.

**Edukattiv**

Matul l-2017, il-Kunsill Lokali, kien parteċipi f'numru ta' inizjattivi bi skop edukattiv. Fir-rigward, meta ġie mitlub il-Kunsill Lokali offra l-għajnuna u l-esperjenza tiegħu lill-iskola primarja. Din is-sena flimkien mal-Iskola Primarja l-kunsill għamel pro-gramm għal Jum Dinji tat-Tfal amalgamat ma programm edukattiv imsejjaħ 3 R's, fejn

organizza krafts minn affarijiet reċiklati. Il-Kunsill Lokali ħareġ ukoll inizjattivi fuq crafts għat-tfal fiż-żmien il-Halloween fejn it-tfal attendew bi ħġarhom.

**Librerija**

Il-Kunsill flimkien mad-dipartiment għal-gvern lokali issotomettu s-somma ta' €1600 għal din id-darba sabiex jiġi irranġat is-saqaf tal-librerija u manutenzjoni bħal tibjid kif ukoll inxtara air conditioner sabiex ir-residenti jħossuhom aktar komdi jiġu fil-librerija kemm fix-xitwa kif ukoll fis-sajf. Għalkemm din l-allokazzjoni kienet ib-bażata fuq il-manutenzjoni tal-librerija il-kunsill xorta ħass il-ħtieġa il-bżonn tal-kotba fil-lokal tagħna għalhekk bħala rigal tal-Milied għat-tfal inxtraw kotba sabiex il-kunsill ikompli jrawem it-tfal fid-dinja tal-qari , barra minn hekk il-librerija ingħatat
l-ammont ta' €500 f'xiri ta' kotba mill-Malta Public Libraries

**Relazzjonijiet Internazzjonali**

**AVEC**

Fit-8 ta' Novembru sa l-11 ta' Novembru 2017, is-Segretarju s-SinjuraGraziella Cassar Gellel u l-Viċi Sindku is-Sur Clive Pulis attendew għall-konferenza f'Tours ġewwa Franza.

.

Il-konferenza kellha l-għan ewlieni illi tlaqqa' lill-imsieħba kollha fin-network AVEC bil-għan ili tagħti rendikont tal-ħidma ta' AVEC u jitfasslu strateġiji futuri. Waqt il-konferenza fil-fatt, is-Sur Christian Moursiard, president ta' AVEC, flimkien mas-Sa. Marie Del Falco, Segretarja Ġenerali ta' AVEC taw rendikont finanzjarju dettaljat u spjegaw id-dħul u l-infiq ta' AVEC matul l-2016. Fl-istess waqt, filwaqt li ġie stabbilit illi s-sitwazzjoni finanzjarja ta' AVEC kienet waħda ta' stabbilita', kien hemm qbil fost l-imsieħba prezenti illi kellhom jinstabu mezzi oħra ta' finanzjament.

L-aħħar Bord tad-Diretturi ta 'l-assoċjazzjoni li sar f' Tours fit-8, id-9, l-10 u l-11 ta' Novembru 2017. Kienet l-okkażjoni biex il-membri jevalwar il-progress tal-proġetti li għaddejjin iżda wkoll biex jiltaqgħu u jiskambjaw, fost oħrajn , waqt workshops dwar temi marbuta ma 'l-interessi tagħhom.
L-ewwel workshop ippermetta li l-pajjizi membri jaqsmu l-esperjenza tagħhom dwar l-inizjattivi li qed jitwettqu dwar il-Gastronomija. It-tieni workshop kien dwar l-għarfin taċ-ċentri tal-belt permezz tal-arti u snajja. Matul dan il-workshop, is-Sur Christian Mourisard, Ko-President tal-AVEC u s-Sur Philippe Huppé, President tal-assoċjazzjoni Ville et Métiers d'Art ( Arti u krafts) ukoll iffirmaw ftehim ta 'sħubija bejn iż-żewġ netwerks.

Fl-aħħarnett, dan il-Bord tad-Diretturi kien immarkat bl-organizzazzjoni ta 'pranzu uffiċjali biex jiċċelebra l-20 anniversarju tal-assoċjazzjoni fil-kumpanija ta' sħab u ħbieb tan-netwerk AVEC.

l-proġett “Shared Heritages" għandu l-għan li jipproduċi ritratti li ma jidhrux ta 'bliet membri tal-AVEC. Dawn ir-rittratti se juru reżonanzi kulturali u differenzi bejn dawn it-territorji, xi drabi 'l bogħod minn xulxin, billi jiddependu fuq il-patrimonju Ruman u Biżantin preżenti f'bosta pajjiżi Ewropej u Bliet Mediterranji. Għal dan, in-netwerk AVEC stieden lil Jean-Claude Martinez, fotografu awtur li fil-kors tax-xogħol tiegħu żviluppa ħarsa personali ħafna u umanistika (http: //www.martinez- photo.com).
Biex tissaħħaħ din l-azzjoni, l-assoċjazzjoni wieġbet għal sejħa għal proposti mibdija mir-reġjun PACA: "Tressaq iċ-ċittadini tal-Mediterran eqreb permezz tat-tisħiħ tal-wirt arkitettoniku Rumani u Biżantini komuni". Fil-fatt, in-netwerk AVEC irid jiġbor ritratti meħuda fil-bliet tan-netwerk
permezz ta 'wirja li tivvjaġġa u li tiġi ippubblikata. Dan il - proġett jista 'wkoll jintegra l - programm uffiċjali tas-Sena Ewropea tal-Patrimonju Kulturali 2018.

**Konklużjoni**

Is-Sena 2017 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrativi, l-kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod possibli biex wettaq il-ħidma mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Issa jmis li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bnejna.

Infakkarkom li kull min għandu aċċess għall-internet jista jara il-laqgħa tal-kunsill onlajn minn fuq il-website tal-kunsill.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita.

<table>
<tr><td>IFFIRMATA<br>Sindku<br>Giuseppe Casha</td><td>IFFIRMATA<br>Segretarju Ezekuttiv<br>Graziella Cassar Gellel</td></tr>
</table>